SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

2 ta' Lulju 2020 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Eżenzjonijiet – Artikolu 135(1)(g) – Eżenzjonijiet mill-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment – Provvista ta' unika użata għall-immaniġġjar ta' fondi speċjali ta' investiment u ta' fondi oħra"

Fil-Kawża C-231/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Upper Tribunal (Tax and Chancery Chamber) (il-Qorti Superjuri (Awla tat-Taxxa u tal-Ekwità), ir-Renju Unit), permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Marzu 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Marzu 2019, fil-proċedura

BlackRock Investment Management (UK) Ltd

vs

Commissioners for her Majesty's Revenue and Customs

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot (Relatur), President tal-Awla, M. Safjan, L. Bay Larsen, C. Toader u N. Jääskinen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: C. Strömholm, amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-18 ta' Diċembru 2019,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal BlackRock Investment Management (UK) Ltd, minn N. Skerrett, solicitor, L. Poots, barrister, u A. Hitchmough, QC,

– għall-Gvern tar-Renju Unit, minn Z. Lavery u F. Shibli, bħala aġenti, assistiti minn R. Hill, barrister,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Lozano Palacios u R. Lyal, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2020,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 135(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Direttiva tal-VAT").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn BlackRock Investment Management (UK) Ltd (iktar 'il quddiem "BlackRock") u l-Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs (l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u tad-Dwana, ir-Renju Unit, iktar 'il quddiem l-"amministrazzjoni fiskali") dwar ir-rifjut ta' din l-amministrazzjoni li tagħtiha l-benefiċċju tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-VAT jipprovdi li:

"Fuq kull transazzjoni, il-VAT, kalkulata fuq il-prezz tal–merkanzija jew tas-servizzi bir-rata applikabbli għat-tali merkanzija jew servizzi, għandha tkun imposta wara t-tnaqqis ta' l-ammont tal-VAT li qed jingħarr direttament mid-diversi komponenti tal-prezz."

4 Skont l-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva:

"It-transazzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għall-VAT:

[…]

ċ) il-provvista ta' servizzi bi ħlas fit-territorju ta' Stat Membru minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali;

[…]"

5 Il-Kapitolu IX ta' din id-direttiva, intitolat "Eżenzjonijiet", jinkludi l-Artikoli 131 sa 166 tagħha.

6 L-Artikolu 131 tad-Direttiva VAT, li jinsab fil-Kapitolu 1 tagħha, intitolat "Dispożizzjonijiet ġenerali", jipprovdi:

"L-eżenzjonijiet ipprovduti fil-Kapitoli 2 sa 9 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħrajn tal-Komunità skond kondizzjonijiet li l-Istati Membri għandhom jistabilixxu għall-finijiet li jiżguraw l-applikazzjoni korretta u ċara ta' dawk l-eżenzjonijet u tal-prevenzjoni ta' kawlunkwe evażjoni, evitar jew abbuż possibbli."

7 L-Artikolu 135(1) ta' din id-direttiva, li jinsab fil-Kapitolu 3 ta' din, intitolat "Eżenzjonijet għal ċertu attivitajiet fl–interess pubbliku", jistipula:

"L-Istati Membri għandhom jeżentaw it-transazzjonijiet li ġejjin:

[…]

g) l-imaniġġjar ta' fondi speċjali ta' investiment kif definiti mill-Istati Membri;

[…]”

8 L-Artikolu 196 tal-istess direttiva, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2008/8/KE tat-12 ta’ Frar 2008, jipprovdi:

“Il-VAT għandha titħallas minn kwalunkwe persuna taxxabbli, jew persuna ġuridika mhux taxxabbli li hi identifikata għall-finijiet tal-VAT, li lilha jiġu fornuti s-servizzi previsti fl-Artikolu 44, jekk s-servizzi jiġu fornuti minn persuna taxxabbli mhux stabbilita fit-territorju ta’ l-Istat Membru.”

Id-dritt tar-Renju Unit

9 Skont l-Artikolu 31(1) tal-Value Added Tax Act 1994 (il-Liġi tal-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud), “[i]l-kunsinna ta’ merkanzija u l-provvista ta’ servizzi huma eżentati jekk jaqgħu taħt waħda mill-kategoriji attwalment elenkati fl-Anness 9”.

10 Il-grupp 5 ta’ dan l-anness, li jikkonċerna l-finanzi, jipprevedi l-eżenzjoni, b’mod partikolari, tas-servizzi ta’ amministrazzjoni ta’ lista ta’ entitajiet ta’ investiment u ta’ tipi ta’ fondi speċifiċi. Skont l-ispjegazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, dawn l-entitajiet u dawn il-fondi huma dawk li, fir-Renju Unit, għandhom jitqiesu li huma l-fondi komuni ta’ investiment.

Il-fatti tal-kawżi prinċipali u d-domanda preliminari

11 BlackRock hija membru ta’ grupp tal-VAT stabbilit fir-Renju Unit li hija r-rappreżentant tiegħu u li jiġbor fih kumpanniji li jeżerċitaw l-attività ta’ amministrazzjoni ta’ fondi.

12 BlackRock tamministra fondi komuni ta’ investiment kif ukoll fondi oħra, madankollu tal-ewwel ma jirrappreżentawx, kemm fir-rigward tan-numru kif ukoll tal-valur tal-attivi amministrati, il-maġġoranza tal-fondi amministrati.

13 Sabiex tamministra dawn il-fondi kollha, BlackRock tibbenefika minn servizzi pprovduti minn BlackRock Financial Management Inc (iktar ’il quddiem “BFMI”), kumpannija rregolata mid-dritt Amerikan li tappartjeni għall-istess grupp kummerċjali. Dawn is-servizzi huma pprovduti permezz ta’ pjattaforma informatika, imsejħa Aladdin, magħmula minn kombinazzjoni ta’ materjal informatiku, softwer u riżorsi umani. Aladdin tipprovdi lill-amministraturi tal-portafolli tal-analiżi tas-suq kif ukoll kontrolli ta’ prestazzjoni u ta’ riskji sabiex tassistihom fit-teħid ta’ deċiżjonijiet ta’ investiment, tissorvelja l-osservanza tal-leġiżlazzjoni u tippermetti li jiġu implimentati d-deċiżjonijiet dwar l-operazzjonijiet. Skont it-talba għal deċiżjoni preliminari, dan huwa beneficċju wieħed, irrispettivament mill-fondi amministrati.

14 Peress li BFMI ma hijiex stabbilita fir-Renju Unit, BlackRock tħallas il-VAT fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta’ awtolikwidazzjoni, konformement mal-Artikolu 196 tad-Direttiva tal-VAT.

15 Għall-perijodu bejn l-1 ta’ Jannar 2010 u l-31 ta’ Jannar 2013, BlackRock qieset li s-servizzi użati għall-immaniġġjar tal-fondi komuni ta’ investiment kellhom jiġu eżentati mill-VAT skont l-Artikolu 135(1) (g) ta’ din id-direttiva, b’tali mod li hija ħallset it-taxxa biss fuq is-servizzi użati għall-amministrazzjoni ta’ fondi oħra, fejn il-valur ta’ dawn is-servizzi huwa kkalkolat *pro rata* għall-ammont ta’ dawn il-fondi fl-ammont totali tal-fondi amministrati.

16 B’nuqqas ta’ qbil ma’ dan l-approċċ, l-amministrazzjoni fiskali ħarġet avviżi ta’ rkupru dwar dan il-perijodu. Dawn l-avviżi ġew ikkontestati minn BlackRock quddiem il-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (il-Qorti tal-Ewwel Istanza (Awla tat-Taxxa), ir-Renju Unit), li ċaħdet ir-rikors tagħha.

17 BlackRock appellat minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju.

18 Quddiem din l-aħħar qorti, BlackRock issostni li l-użu li hija tagħmel minn Aladdin għandu fi kwalunkwe każ jiġi eżentat għas-servizzi ta' amministrazzjoni li jibbenefikaw lill-fondi speċjali ta' investiment, peress li l-valur ta' dawn is-servizzi jista' jiġi ddeterminat skont is-sehem tagħhom fl-ammont totali tal-fondi amministrati. Għall-kuntrarju, l-amministrazzjoni fiskali ssostni li s-servizzi kollha li tibbenefika minnhom BlackRock permezz tal-pjattaforma Aladdin għandhom jiġu ntaxxati, peress li din il-kumpannija tiġġestixxi fil-parti l-kbira fondi li ma humiex fondi speċjali ta' investiment.

19 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Upper Tribunal (Tax and Chancery Chamber) (il-Qorti Superjuri (Awla tat-Taxxa u tal-Ekwità)) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Skont interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 135(1)(g) tad-[Direttiva 2006/112], meta tiġi pprovduta provvista unika ta' servizzi ta' immaniġġar skont it-tifsira ta' dan l-artikolu minn fornitur terz lill-maniġer tal-fond u din tintuża min [minn] dak il-maniġer tal-fond kemm fl-immaniġġjar ta' [FCP] kif ukoll fl-immaniġġjar ta' [fondi oħra]:

(a) dik il-provvista unika għandha tkun suġġetta għal rata unikata' taxxa? Jekk iva, kif għandha tiġi ddeterminata dik ir-rata unika? jew

b) il-korrispettiv għal dik il-provvista unika għandu jitqassam skont l-użu tas-servizzi ta' immaniġġjar (pereżempju, b'riferiment għall-ammonti tal-fondi immaniġġjati fil-[FCP] u fil-[fondi l-oħra] rispettivament) sabiex parti mill-provvista unika titqies bħala eżenti mit-taxxa u parti oħra minnha titqies bħala taxxabbli?"

Fuq id-domanda preliminari

20 Permezz tad-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk l-Artikolu 135(1) (g) tad-Direttiva tal-VAT għandux jiġi interpretat fis-sens li provvista waħda ta' servizzi ta' ġestjoni, ipprovduta minn pjattaforma tal-informatika li tappartjeni lil fornitur terz favur kumpannija ta' amministrazzjoni ta' fondi li tinkludi kemm fondi speċjali ta' investiment kif ukoll fondi oħra, taqa' taħt l-eżenzjoni mill-VAT prevista minn din id-dispożizzjoni u, jekk iva, liema huma l-modalitajiet ta' applikazzjoni tal-imsemmija eżenzjoni.

21 Għandu jitfakkar li, kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, l-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 135(1) tad-Direttiva tal-VAT jikkostitwixxu kunċetti awtonomi tad-dritt tal-Unjoni li għandhom l-għan li jevitaw diverġenzi fl-applikazzjoni tas-sistema tal-VAT minn Stat Membru għal ieħor (sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, DPAS, C-5/17, EU:C:2018:592, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 Barra minn hekk, it-termini użati sabiex jindikaw l-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 135(1) tad-Direttiva tal-VAT għandhom jiġu interpretati b'mod strett, peress li dawn jikkostitwixxu derogi mill-prinċipju ġenerali li l-VAT għandha tinġabar fuq kull provvista ta' servizzi mwettqa bi ħlas minn persuna taxxabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, Mailat, C-17/18, EU:C:2018:1038, punt 37). Minn dan isegwi li, meta provvista ta' servizzi ma taqax taħt l-eżenzjonijiet previsti minn din id-direttiva, din il-provvista hija suġġetta għall-VAT, skont l-Artikolu 2(1)(ċ) tal-imsemmija direttiva (sentenza tal-10 ta' April 2019, PSM "K", C-214/18, EU:C:2019:301, punt 43).

23 Preliminarjament, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-provvista ta' servizzi pprovduta minn BFMI lil BlackRock permezz tal-pjattaforma Aladdin għandhiex titqies li tikkostitwixxi provvista unika, għandu jitfakkar, kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, li, għalkemm kull tranżazzjoni għandha normalment titqies, għall-finijiet tal-VAT, bħala distinta u indipendenti, hekk kif jirriżulta mit-tieni

subparagrafu tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-VAT, l-operazzjoni li tikkonsisti f'servizz wieħed fuq il-livell ekonomiku ma tridx tkun artifiċjali mqassma sabiex ma tinbidilx il-funzjonalità tas-sistema tal-VAT. Huwa għalhekk li teżisti provvista unika meta żewġ elementi jew atti, jew iktar, ipprovduti mill-persuna taxxabbli lill-klijent ikunu tant marbuta mill-qrib li jifformaw, oġġettivament, provvista ekonomika waħda inseparabbli u li s-separazzjoni tagħha tkun artifiċjali (sentenza tat-18 ta' Jannar 2018, Stadion Amsterdam, C-463/16, EU:C:2018:22, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 F'dan il-każ, u kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 51 tal-konklużjonijiet tiegħu, mill-elementi pprovduti lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari waqt is-seduta, jirriżulta li l-valur tal-provvista ta' servizzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali jinsab, mill-perspettiva tal-benefiċjarji tagħha, fl-użu kkombinat tad-diversi funzjonalitajiet tal-pjattaforma informatika Aladdin, b'tali mod li din il-provvista ta' servizzi tidher li għandha titqies, minkejja l-pluralità tal-elementi u tal-atti pprovduti lill-imsemmija benefiċjarji, bħala li tifforma provvista ekonomika inseparabbli.

25 Madankollu, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja, adita fil-kuntest tal-Artikolu 267 TFUE, li għandha tikklassifika l-fatti tal-kawża prinċipali, peress li tali klassifikazzjoni taqa' biss taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali. Ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa limitat sabiex tipprovdi lil din tal-aħħar interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni utli għad-deċiżjoni li hija għandha tieħu fil-kawża li għandha quddiemha (sentenzi tat-13 ta' Ottubru 2005, Parking Brixen, C-458/03, EU:C:2005:605, punt 32, u tal-21 ta' Mejju 2015, Kansaneläkelaitos, C-269/14, mhux ippubblikata, EU:C:2015:329, punt 25).

26 Issa, f'dan il-każ, mill-formulazzjoni tad-domanda preliminari jirriżulta li l-qorti tar-rinviju tqis li l-provvista ta' servizzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija "provvista unika ta' servizzi".

27 Konsegwentement, l-imsemmija provvista ta' servizzi għandha tiġi kkunsidrata bħala provvista waħda għall-finijiet tar-risposta li għandha tingħata għall-imsemmija domanda preliminari.

28 Fl-ewwel lok, għandha tingħata attenzjoni għall-fatt li l-kunċett ta' "provvista waħda" jista' jkopri, fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 42 tal-konklużjonijiet tiegħu.

29 Minn naħa waħda, ikun hemm provvista waħda meta element jew diversi elementi għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu l-provvista prinċipali, filwaqt li, bil-kontra, elementi oħra għandhom jitqiesu bħala provvista jew numru ta' provvisti aċċessorji li għalihom japplika l-istess trattament fiskali li japplika għall-provvista prinċipali. B'mod partikolari, provvista għandha titqies li hija anċillari għall-provvista prinċipali meta għall-klijenti ma tkunx tikkostitwixxi għan fiha nnifisha, iżda mezz sabiex jitgawda aħjar is-servizz prinċipali tal-fornitur (sentenzi tal-25 ta' Frar 1999, CPP, C-349/96, EU:C:1999:93, punt 30, kif ukoll tat-18 ta' Jannar 2018, Stadion Amsterdam, C-463/16, EU:C:2018:22, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Min-naħa l-oħra, l-elementi indissoċjabbli tas-servizz uniku jistgħu jitqiegħdu wkoll fuq l-istess livell, b'tali mod li ma huwiex possibbli li jitqies li wieħed għandu jitqies li huwa s-servizz prinċipali u l-ieħor bħala servizz anċillari (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Deutsche Bank, C-44/11, EU:C:2012:484, punti 26 u 27).

31 Skont ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, il-provvista inkwistjoni fil-kawża prinċipali tinkludi żewġ elementi, peress li l-aċċessorju huwa l-provvista ta' servizzi għall-amministrazzjoni tal-fondi komuni ta' investiment u għall-prinċipali l-provvista ta' servizzi għall-amministrazzjoni ta' fondi oħra. Dan l-Istat ikkonkluda li l-element anċillari għandu jsegwi t-trattament fiskali tal-element prinċipali u, għaldaqstant, għandu jiġi ntaxxat bħalma huma s-servizzi ta' amministrazzjoni ta' fondi oħra, mingħajr ma jibbenefika mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT.

32 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, fir-realtà, ir-Renju Unit ma jirnexxilux jiddistingwi element prinċipali u element aċċessorju tas-servizz inkwistjoni fil-kawża prinċipali iżda sempliċement jiddistingwi żewġ użi mis-servizzi kollha offruti mill-pjattaforma Aladdin, wieħed sabiex jamministra l-fondi komuni ta' investiment, l-ieħor sabiex jamministra l-fondi l-oħra.

33 Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju ma jirriżultax li huwa possibbli li ssir distinzjoni fi ħdan is-servizz ipprovdut minn pjattaforma bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali mis-servizzi prinċipali u anċillari. Is-servizzi ta' analiżi tas-swieq, ta' kontroll tal-prestazzjonijiet, ta' evalwazzjoni tar-riskji, ta' kontroll tal-osservanza tal-leġiżlazzjoni u tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet jikkorrispondu għal stadji suċċessivi, li huma neċessarji wkoll għat-twettiq f'kundizzjonijiet tajbin tal-operazzjonijiet ta' investiment. Konsegwentement, tali servizz jiġi kkunsidrat bħala servizz uniku kompost minn diversi elementi ta' importanza ekwivalenti.

34 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li s-servizz ta' amministrazzjoni ta' portfoll huwa servizz uniku, kompost minn servizz ta' analiżi u ta' sorveljanza tal-assi tal-klijent investitur u minn servizz ta' xiri u ta' bejgħ ta' titoli, it-tnejn li huma indispensabbli wkoll għat-twettiq tas-servizz globali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Deutsche Bank, C-44/11, EU:C:2012:484, punti 26 u 27).

35 Fit-tieni lok, mill-klassifikazzjoni stess ta' tranżazzjoni li tinkludi diversi elementi jirriżulta li din it-tranżazzjoni għandha tkun suġġetta għall-istess rata ta' VAT. Fil-fatt, il-possibbiltà mogħtija lill-Istati Membri li jissuġġettaw id-diversi elementi li jikkostitwixxu provvista unika għar-rati differenti ta' VAT applikabbli għall-imsemmija elementi twassal sabiex din il-provvista tiġi maqsuma artifiċjalment u tirriskja li tbiddel il-funzjonalità tas-sistema tal-VAT (sentenza tat-18 ta' Jannar 2018, Stadion Amsterdam, C-463/16, EU:C:2018:22, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 BlackRock madankollu tikkontesta li din ir-regola ġenerali hija applikabbli fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, skont din il-kumpannija, għalkemm l-imsemmija regola tipprekludi li l-elementi differenti ta' provvista unika jkunu s-suġġett ta' trattament fiskali distint, hija min-naħa l-oħra ma tipprekludix li t-trattament fiskali ta' servizz uniku jvarja skont l-użu ta' dan tal-aħħar. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat trattament fiskali distint skont id-destinazzjoni tal-provvista ta' servizzi fil-punti 53 u 54 tas-sentenza tal-4 ta' Mejju 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-274/15, EU:C:2017:333).

37 Madankollu, din is-sentenza ma hijiex rilevanti għall-kawża prinċipali.

38 Fil-fatt, fl-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fuq ilment ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 132(1) (f) tad-Direttiva tal-VAT. Issa, dan jeżenta "is-servizzi pprovduti minn gruppi indipendenti ta' persuni li jeżerċitaw attività eżentata jew li għaliha ma humiex persuni taxxabbli, sabiex jagħtu lill-membri tagħhom is-servizzi meħtieġa direttament għall-eżerċizzju ta' din l-attività […] ". Id-dispożizzjoni tiddefinixxi għalhekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni mill-VAT li hija tipprevedi skont id-destinazzjoni tal-provvisti ta' servizzi kkonċernati. Għaldaqstant, hija tipprevedi trattament fiskali differenti skont din id-destinazzjoni, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza msemmija iktar 'il fuq.

39 Min-naħa l-oħra, l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1) (g) tad-Direttiva tal-VAT hija ddefinita biss fir-rigward tan-natura tas-servizz ikkonċernat, f'dan il-każ it-tranżazzjonijiet ta' mmaniġġjar ta' fondi speċjali ta' investiment. Il-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għalhekk ma tawtorizzax li t-trattament fiskali jiġi sseparat minn servizz uniku skont l-użu tiegħu.

40 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, skont ir-regola mfakkra fil-punt 35 ta' din is-sentenza, benefiċċju uniku bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandu jkun suġġett għal trattament fiskali uniku.

41 Fit-tielet lok, għandu jiġi evalwat jekk it-trattament fiskali uniku ta' tali benefiċċju għandux jiġi ddeterminat skont in-natura tal-fondi fil-parti l-kbira amministrati. Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra l-possibbiltà li s-servizzi kollha li minnhom tibbenefika BlackRock permezz tal-pjattaforma Aladdin jiġu ntaxxati, peress li dawn is-servizzi huma fil-parti l-kbira użati sabiex jamministraw fondi speċjali li ma humiex fondi ta' investiment. Min-naħa l-oħra, skont l-istess loġika, jekk BlackRock kienet tamministra fil-parti l-kbira fondi speċjali ta' investiment, is-servizzi kollha għandhom jiġu eżentati mill-VAT.

42 Madankollu, minn naħa, din is-soluzzjoni ma tistax tipprevalixxi ruħha mill-ġurisprudenza dwar il-provvisti kumplessi li jinkludu element prinċipali, li jiddetermina t-trattament fiskali tas-servizz, u element aċċessorju, assimilat fiskalment mal-element prinċipali. Fil-fatt, kif ġie espost fil-punt 32 ta' din is-sentenza, f'dan il-każ ma hemmx servizz prinċipali akkumpanjat minn servizz sekondarju.

43 Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fir-rigward tal-punt 6 tal-Artikolu 13B(d) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23), fejn l-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT irriproduċa mingħajr tibdil sostanzjali tal-formulazzjoni, li l-amministrazzjoni tal-fondi komuni ta' investiment, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, huwa ddefinit skont in-natura tal-provvisti ta' servizzi pprovduti u mhux skont il-fornitur jew id-destinatarju tas-servizz (sentenza tal-4 ta' Mejju 2006, Abbey National, C-169/04, EU:C:2006:289, punt 66).

44 Fil-fatt, l-applikazzjoni ta' rata unika skont l-użu prinċipali tas-servizzi pprovduti permezz ta' pjattaforma bħalma hi l-pjattaforma Aladdin tista' twassal sabiex jingħata l-benefiċċju tal-eżenzjoni tal-amministrazzjoni tal-fondi komuni ta' investiment lil fondi oħra. F'dan il-każ, amministratur ta' fondi speċjali ta' investiment prinċipalment jista' jibbenefika mill-eżenzjoni tas-servizzi għall-attività tiegħu kollha ta' amministrazzjoni ta' fondi, inklużi fondi oħra minbarra l-fondi speċjali ta' investiment.

45 Tali konsegwenza tmur kontra n-natura stretta tal-interpretazzjoni tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT, bħall-eżenzjonijiet l-oħra msemmija fl-istess paragrafu ta' dan l-artikolu, kif tfakkar fil-punt 22 ta' din is-sentenza.

46 Għaldaqstant, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, it-trattament fiskali tal-provvista ta' servizzi ma jistax jiġi ddeterminat skont in-natura tal-fondi fil-parti l-kbira amministrati mill-kumpannija kkonċernata.

47 Fir-raba' lok, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex jiġu kklassifikati bħala tranżazzjonijiet eżentati, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, is-servizzi pprovduti minn amministratur terz għandhom jifformaw unità distinta, evalwata b'mod globali, intiża sabiex tissodisfa funzjonijiet speċifiċi u essenzjali tal-amministrazzjoni ta' fondi speċjali ta' investiment (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Mejju 2006, Abbey National, C-169/04, EU:C:2006:289, punti 70 u 71, kif ukoll tas-7 ta' Marzu 2013, GfBk, C-275/11, EU:C:2013:141, punt 21).

48 Issa, f'dan il-każ, il-partijiet fil-kawża prinċipali jaqblu li jirrikonoxxu li s-servizz inkwistjoni ġie kkonċepit għall-finijiet tal-amministrazzjoni ta' investimenti ta' natura varjata u li, b'mod partikolari, jista' jintuża mingħajr distinzjoni għall-amministrazzjoni ta' fondi speċjali ta' investiment u għal dik ta' fondi oħra. Barra minn hekk, dan is-servizz ma jistax jitqies li huwa speċifiku għall-amministrazzjoni ta' fondi speċjali ta' investiment.

49 Konsegwentement, provvista ta' servizzi bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tissodisfax il-kundizzjonijiet sabiex tibbenefika mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT.

50 Tali konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-argument ta' BlackRock ibbażat fuq il-prinċipju ta' newtralità fiskali, li jipprovdi li l-operaturi għandhom ikunu jistgħu jagħżlu l-mudell ta' organizzazzjoni li, mill-perspettiva strettament ekonomika, jaqblilhom l-aħjar, mingħajr ir-riskju li t-tranżazzjonijiet tagħhom jiġu eskluży mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2006, Abbey National, C-169/04, EU:C:2006:289, punt 68).

51 Fil-fatt, il-prinċipju ta' newtralità fiskali, peress li huwa regola ta' interpretazzjoni tad-Direttiva tal-VAT u mhux regola ta' livell superjuri għad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, ma jistax jippermetti li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta' eżenzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Deutsche Bank, C-44/11, EU:C:2012:484, punt 45) u għaldaqstant, li jagħmel applikabbli l-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT għal provvista, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet.

52 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li provvista waħda ta' servizzi ta' amministrazzjoni pprovduta minn pjattaforma tal-informatika li tappartjeni lil fornitur terz favur kumpannija ta' amministrazzjoni ta' fondi li tinkludi kemm fondi komuni ta' investiment kif ukoll fondi oħra ma taqax taħt l-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni.

Fuq l-ispejjeż

53 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 135(1) (g) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li provvista waħda ta' servizzi ta' amministrazzjoni pprovduta minn pjattaforma tal-informatika li tappartjeni lil fornitur terz favur kumpannija ta' amministrazzjoni ta' fondi li tinkludi kemm fondi komuni ta' investiment kif ukoll fondi oħra ma taqax taħt l-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni.

Firem